# FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## *SMALL CLAIMS TRIBUNAL*

**GUDIKATUR: DR JOSEPH P BONNICI LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 6 ta' Gunju 2002**

**Numru 38**

**Avviz numru 710/01**

**Burmarrad Commercial Ltd.**

**vs**

**Francis Fenech**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' Lm384.12 (tlett mija u erba u tmenin lira Maltin u tnax il-centezmu u b'verbal tat-8 ta' Ottubru, 2001 l-ammont mitlub ghandu jigi jaqra Lm338 (tlett mija u tmienja u tletin lira Maltin) cioe is-somma dovuta lis-socjeta' attrici prezz ta' servizzi rezi lill-konvenut fuq inkarigu tal-konvenut stess (Dokumenti annessi mal-avviz tat-talba A, B, u C).

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn eccepixxa:

Illi preliminarjament l-konvenut jeccepixxi l-inkompetenza ta' dan it-Tribunal "rationae valoris" stante li l-ammont mitlub ta' Lm3384.12,0 jesorbita mill-kompetenza tat-Tribunal.

Fil-mertu u bla pregiudizzju ghall-eccezzjoni preliminari jekk qed jintalab l-ammont ta' Lm384.12,0 u dan mhux dovut stante s-socjeta' attrici naqset li tesegwixxi l-inkarigu skond s-sengha u l-arti u dan kien ta' hsara ghall-eccipjent – danni li qed jippretendihom b'kontro talba kontestwalment.

Sema' ix-xhieda u ezamina d-dokumenti esebiti:

Ikkunsidrat:

Illi s-socjeta attrici qed tfittex ghal bilanc ta' xoghol, u prezz ta' parts mibjugha u kkonsenjati lill-konvenut.

Jekk wiehed jifli x-xhieda tal-konvenut moghtija fis-seduta tas-27 ta' Novembru, 2001 jirrizultalu li huwa qed isuq vettura kostitwenti minaccja ghall-utenti l-ohra tat-triq – il-kabina ser tinqaleb bih, steering iperper, roti miksurin, kabina kollha sadid, windscreen bla lastiku. Pero' li huwa car huwa li ma hux qed jikkonfondi lill-istess konvenut l-istat hekk mizeru tat-trakk minnu misjuq. F'dan l-ahhar sentejn ma ha l-ebda pariri – kien jikkontesta l-kontijiet tas-socjeta attrici, sia x-xoghol minnhom maghmul, sia l-oggetti lilu konsenjati, u/jew kien isewwi it-trakk kif suppost. Minn dana kollu ma ghamel xejn. Anzi qaghad jistenna lis-socjeta' attrici sabiex jippromovi l-allegazzjonijiet tieghu.

It-Tribunal ma jistax jippremetti agir bhala accettabbli kif suggerit mill-konvenut. Aktar u aktar wara dan iz-zmien kollu. Il-fattura ta' Lm195 u Lm98.62 ma gewx kontestati. Il-bilanc ta' Lm90 ma jridx ihallsu dan tal-kabina. Jekk il-konvenut huwa komdu ghalih li halla t-trakk fl-istat li qieghed wara li gie lilu konsenjat mis-socjeta' attrici issa ma jistax f'dan l-istadju in via eccezzjonali ma jhallasx anzi jintavola l-kontro talba tieghu. Li kieku l-konvenut agixxa in punctorun temporis allura l-istat legali tieghu kien ikun differenti.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, ma jilqax il-kontro-talba tieghu jilqa l-eccezzjonijiet tas-socjeta attrici ghal kontro-talba tal-konvenut, jilqa t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' Lm388 (tlett mija u tmienja u tmenin lira Maltin) bl-ispejjes u bl-interessi kontra l-konvenut.

**Dr Joseph P Bonnici**
**Gudikatur**